MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 6/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Bugeja**
**Clive Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alfred Bugeja, karta ta' l-identita` numru 828557(M), u Clive Agius, karta ta' l-identita` numru 187685(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Diċembru 2008 għall-ħabta tas-13:15 ġewwa Xatt il-Barriera, Valletta, b'diversi atti magħmulin minnhom li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAG-308 ta' l-għamla Citroen Berlingo kif ukoll ta' sigaretti ta' valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37, liema reat huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa,

għad-detriment ta’ Mary Ellul Sullivan, dententriċi tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 382138(M) f’isem il-kumpanija F. E. Sullivan, sitwata 17 Xatt il-Barriera, Valletta;
(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, assoċjaw ruħhom flimkien bil-għ
An li jagħmlu delitt;

(3) irrendew ruħhom reċidivi b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mogħtija fid-19 ta’ Diċembru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279, 48A, 49, 50, 17(b)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-istess Alfred Bugeja u Clive Agius ħatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom u, a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, għamlet fil-konfront tagħhom ordni ta’ *probation* għal perijodu ta’ tliet snin;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-3 ta’ FJannar 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-imsemmijin Alfred Bugeja u Clive Agius ħatja ta’ l-imputazzjonijiet addebitati lilhom, tħassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn inflìġġiet ordni ta’ *probation* fil-konfront tagħhom, u minflok tinfliġġi piena idoneja ta’ ħabs effettiv skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Ġenerali huwa fis-sens illi, meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li tqiegħed lill-appellat Alfred Bugeja taħt ordni ta’ *probation* u lill-appellat Clive Agius taħt ordni ta’ *probation* u servizz (kif kien rakkomandat mill-uffiċjal tal-*probation*) hija ma qisitx l-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jipprovdi li qabel ma Qorti tagħti ordni ta’ *probation* għandha taċċerta ruħha miċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż ix-xorta tar-reat kif ukoll il-karattru tal-ħati. Jiġifieri għandu jkun hemm aċċertament da parti tal-ġudikant li jkun hemm probabilita` għolja li l-aspetti negattivi tal-karattru tal-ħati jinbidlu għat-tajjeb jekk dan ikun sorveljat u mgħejjun. L-Avukat Ġenerali jsostni għalhekk li l-fatt li l-appellat Alfred Bugeja qiegħed jiskonta pieni ta’ priġunerija li jwasslu sas-sena 2023 m’għandux jittieħed in mitigazzjoni tal-piena iżda bħala turija tal-karattru u anteċedenti tiegħu. Tali anteċedenti, u saħansitra ċ-ċirkostanzi tar-reat odjern, skond l-Avukat Ġenerali, juru li l-appellat Alfred Bugeja qatt ma wera r-rieda li jirriforma ruħu, nonostante li ngħata opportunitajiet. Fir-rigward ta’ Clive Agius jgħid illi anke dan l-appellat ingħata opportunitajiet biex jirriforma ruħu iżda wkoll qatt ma

wera rieda li jbiddel ħajtu. Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jtenni li ħadd mill-appellati ma huwa adattat biex ikun taħt ordni ta' *probation.*

**6.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun differenti minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**7.** Bħalma jaċċetta l-Avukat Ġenerali, l-alternattivi għal piena ta' priġunerija li użat l-ewwel Qorti taħt il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta huma fil-parametri tal-liġi. L-ilment tiegħu hu li l-ewwel Qorti ma qisietx sodisfaċentement l-artikolu 7(2)(ċ) ta' dan il-Kap, u li jipprovdi li kull ordni magħmula skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 għandha biss issir jekk, *inter alia,* **"(*ċ*) fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' dik l-ordni jkun adatt"**. L-Avukat Ġenerali ma jqisx illi l-karattru ta' l-appellanti, fid-dawl tal-kondotta refrattarja tagħhom, juri li huma adatti biex jitqiegħdu taħt *probation.*

**8.** Huwa minnu, minn eżami tal-fedina penali ta' l-appellati, illi l-ħajja tagħhom hi waħda refrattarja sew. Din il-Qorti, pero`, tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Farrugia** deċiż fit-18 ta' Jannar 2001 fejn l-appellat f'dak il-każ ukoll kien tqiegħed taħt ordni ta' *probation* u appella l-Avukat Ġenerali. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kienet qalet hekk:

> **"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):**
>
> **"*'The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal***

[1] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

> ***measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote” (pp. 22, 23).***
>
> **“U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta’ l-Ordni ta’ Probation:**
>
> **“*‘The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character’ (p. 236).*”**

**9.** Il-fatt li fil-preżent l-appellati qegħdin jiskontaw sentenzi ta’ priġunerija ma jeskludix awtomatikament l-użu ta’ l-alternattivi li l-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi għalihom. Anzi, in kwantu jirrigwarda *probation*, l-utilita` ta’ din is-sistema teżisti fl-għajnuna li tista’ tingħata bħala preparazzjoni għal meta eventwalment l-appellati joħorġu mill-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin. Fil-fatt, wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Jannar 2015, lill-ufficjali tal-*probation* Ivan Sultana u Deborah Farrugia, hija tal-fehma li hemm xaqq ta’ dawl fis-sens ta’ possibilita` li l-appellati jbiddlu hajjithom. Naturalment dan hu jekk joqogħdu għall-kondizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation* u joqogħdu għad-direttivi ta’ l-uffiċjali ta’ *probation* rispettivi tagħhom. S’intendi, l-appellati qed jigu mwissija li jekk huma jiksru l-kundizzjonijiet tal-ordni jew jikkommettu reat, ikun xi jkun, fil-perijodu tal-*probation*, m’ghandhomx jippretendu li jsibu hajt ta’ kenn quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------